



# Mitt Sena mill-Mewt ta' Dun Vinċenz Manche L-ewwel Kappillan ta' Tas-Sliema

*Kitba ta' Mario Formosa Holt*

Kif nafu l-Parroċċa ta' Stella Maris twaqqfet fl-1878 b'konfini li jestendu minn San Ġiljan sa l-Imsida. Dan seħħ permezz ta' editt li jġib id-data tat-23 ta' Diċembru ta' l-istess sena, fejn fih naqraw li l-E.T. L-Isqof ta' Malta ta' dak iż-żmien, Mons Carm Conti Scicluna kien qiegħed jaħtar bħala l-Knisja Parrokkjali ta' Tas-Sliema appuntu dik ta' Stella Maris u jifridha mill-Parroċċa ta' Birkirkara. Il-Jum magħżul uffiċjalment kien dak tal-Milied ta' l-1878



*Dun Vinċenz Manche – L-Ewwel Kappillan*

u bħala Vigarju Kurat ġie magħżul ir-Rev. Dun Karm Casha Gerada li kellu jmexxi din il-parroċċa l-ġdida proviżorjament sakemm jiġi nominat l-ewwel kappillan.

Dun Karm kien ġie ordnat saċerdot nhar id-19 ta' Diċembru 1857 mill-E.T. Mons Annetto Casolani, Isqof Titulari ta' Mauricastro (1815 – 1866) fil-Knisja tal-Gizwiti fil-Belt Valletta. Dan is-saċerdot Belti kien wieħed minn ta' l-ewlenin qassisin li taw kontribut siewi fi ħdan il-Knisja ta' Stella Maris. Fil-fatt insibuħ li diġà f'Settembru ta' l-1866 iservi bħala viċendarju bl-obbligu li jista jgħammed u jagħmel tberik tad-djar fi żmien l-Għid il-Kbir. Kien anke responsabbli mill-Vjatku u l-amministrazzjoni tal-Grizma tal-morda. Dan kollu, minkejja li Stella Maris ma kienetx għadha saret parroċċa, iżda biss Viċi-Parroċċa ta' Birkirkara. Fil-fatt, minkejja li l-magħmudijiet kienu jsiru fil-Knisja tagħna, dawn kienu jkunu rreġistrati fil-Kolleġġjata Elenjana. Dun Karm Casha Gerada għammed għall-ewwel darba fil-Knisja ta' Stella Maris nhar l-14 ta' Ottubru 1866.

Huwa dam iservi fil-kariġa, issa ta' Vigarju Kurat tal-Parroċċa l-ġdida mill-1878 sa l-1883 meta wara li tnieda konkors mill-Kurja biex jintgħażel l-ewwel Kappillan ta' Tas-Sliema. Kienet sorpriza għal ħafna li ma ntagħżilx Dun Karm. Anke l-istess ġurnal ta' l-epoka "L'Amico del Popolo" ta' l-24 ta' Jannar 1884 ikkummenta dwar din l-għażla. Dan is-saċerdot żelanti serva ukoll bħala kappillan tal-Militar Ingliż għal għaxar snin. Huwa nħatar kanonku tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta nhar it-8 ta' Frar 1889. Minkejja dan hu baqa jgħix Tas-Sliema, fejn miet nhar l-20 t'April 1891.





**Il-Kappillan Manche**

Vinċenz Manche twieled fir-raħal pittoresk tal-Mellieħa nhar il-5 t'April 1852. Il-Ġenituri tiegħu kienu Ġużeppi u Marija, imwielda Ciappara. Ta' erba' u għoxrin sena, ġie ordnat saċerdot nhar it-23 ta' Diċembru 1876. Kellu d-don ta' l-intelligenza li iżda flok żammu għalih, ħaddmu għal ġid ta' l-oħrajn. Għex fi żmien ieħor meta l-għajnuniet soċjali l-anqas biss wieħed kien joħlom bihom. Kellha tkun il-Knisja pijuniera f'dan il-qasam. Fil-Fatt kien imexxi skola privata fil-Belt Valletta. Fl-1882 ġie maħtur kappillan tal-parroċċa ta' Ħad-Dingli ddedikata lil Marija Assunta. Donnu jidher li l-Madonna dejjem kellha parti mportanti fit-tfassil tal-ħajja ta' Dun Vinċenż. Twieled f'parroċċa ddedikata lil Marija Bambina, kien kappillan f'parroċċa ddedikata lit-Tlugħ fis-sema tal-Madonna u sentejn wara nħatar bħala l-ewwel kappillan ta' tas-Sliema fil-parroċċa ddedikata lil Marija Kewkba tal-Baħar.

Iċ-ċerimonja tal-pussess tiegħu bħala kappillan ta' Stella Maris seħħet nhar it-Tnejn 21 ta' Jannar 1884 fit-3.00p.m. Il-folla li nġabret fil-Knisja dakinhar tat merħba xierqa lir-Ragħaj Spiritwali tagħha bil-funzjoni titmexxa mill-Vigarju tad-Djoċesi, Mons. Goffredo Scerri. Dlonk il-Kappillan Manche medd għonqu għax-xogħol kemm dak pastorali kif ukoll



*L-arzella li saret fi żmien il-kappillan Manche*





bil-ħtieġa li jsebbaħ kif xieraq id-Dar t'Alla li issa huwa beda jamministra. Ma ninsewx li l-Knisja ta' Stella Maris kienet għadha kemm tkabbret sitt snin qabel u allura huwa beda jaħseb kif setgħa jsebbaħ lil dan it-tempju.

Fost l-opri ta' arti sagra li saru fi żmien il-parrokat tal-Kappillan Manche nsibu bosta, uħud b'xorti ħazina nqerdu waqt it-Tieni Gwerra Dinjija waqt li oħrajn għadna ngawduhom sal-lum. Fost dawn ta' min isemmi l-kwadru tal-Kruċifissjoni (1886) u l-pittura ta' l-abside (1887) li t-tnejn ħarġu minn idejn Giuseppe Cali. Żewġ kwadri titulari għall-artali tal-Madonna tar-Rużarju (1891) u ta' San Ġużepp (1896) li tpittru mill-Professur Lazzaro Pisani. Kif ukoll kwadru għall-artal tal-Madonna tal-Karmnu li tpitter minn Salvatore Azzopardi Preziosi (1895) u sittax il-kwadru li tpittru mill-artist Taljan Filippo Venuti li jirrappreżentaw diversi episodji mill-ħajja tal-Madonna. Sena wara li laħaq bħala Kappillan jiġifiri fl-1885 iżanżnet qanpiena magħmulha minn Ġulju Cauchi u swiet 1080 skud. Fl-1901 iżżanżnet statwa tal-Madonna tar-Rużarju xogħol l-istatwarju magħruf Karlu Darmanin. Iżda l-qofol ta' dan kollu żgur li ntlaħaq fl-1891 bil-miġja fostna tal-Vara Artistika u Devota ta' Stella Maris minn Pariġi fejn inħadmet kif ukoll tal-Kwadru Titulari. Minn Pariġi ukoll inġiebet statwa ta' San Ġużepp fl-1892. Fl-1912 insibu li kienu saru l-kandlieri tal-Festa ta' l-altar maġġur. Barra opri ta' arti sagra fi żmien il-kappillan Manche sar ukoll il-pavimentar ta' l-irħam (1888) u s-sedji tal-Kor (1892). Fis-sena 1915 il-Vara Titulari li kienet għadha bl-ilwien oriġinali li waslet bihom minn Pariġi, ġiet indurata mid-Ditta Coliero tal-Belt. Proġett ieħor kbir żgur li kien jikkonsisti fil-bdil tal-faċċata tal-Knisja, liema xogħol tlesta fl-1909.

Il-kappillan Manche ma ħadimx biss sabiex issebbaħ id-Dar t'Alla iżda kellu għal qalbu ħafna l-ġid spiritwali u materjali tal-parruċċani tiegħu. Kien imur hu personalment jiltaqa' magħhom u fejn seta anke għen finanzjarjament mgħejjun mis-Soċjetá ta' San Vinċenż. Ħaseb ukoll fil-formazzjoni taż-żgħażagħ. Hawn sab għajnuna kbira mill-filantropu ta' qalb kbira s-Sur Alfons Maria Galea. Huwa kiteb lil Don Michele Rua u fl-1904 is-Salesjani stabilixxew ruħhom f'Malta, propju fil-Parroċċa ta' Stella Maris.

Naturalment fil-ħajja mhux kollox ward u żahar. Dun Vinċenż ukoll kellu l-problemi tiegħu. Kwistjoni taħraq li huwa wiret kienet dik li kienet inqalgħet bejn it-Terz' Ordni tad-Duluri u l-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament. Din kienet l-aktar dwar preċedenża fil-funżjonijiet liturġiċi u l-purċissjonijiet. Kienet kwistjoni li twalet is-snin. Il-Kappillan Manche b'sabar u prudenza kbira kien irnexxielu jsib tarf din il-problema. Iżda mal-morr il-ħajja taf tagħti l-ħlejju ukoll. Matul il-parrokkat tiegħu, Dun Vinċenż ra numru ta' żgħażagħa jiġu ordnati saċerdoti li lkoll kienu ta' għajnuna kbira għalih fil-qadi tal-missjoni tiegħu ta' Rgħaj Spiritwali ta' Tas-Sliema.

Ma setgħax jonqos li l-Kappillan Manche' ma kellux għal qalbu l-Festa Titulari ta' Stella Maris u kien jagħmel minn kollox sabiex tiġi ċċelebrata bl-aktar mod dinjituż. Il-Festa esterna kien kibret ħafna tant li kienet saret waħda mill-aktar festi popolari f'pajjiżna, fejn għall-Festa kienu jiġu bosta nies minn madwar Malta kollha. Biss hu kien diżappuntat minħabba l-fatt li l-baned li kienu twaqqfu f'Tas-Sliema (jiġifiri Cavalieri di Malta, Mannarino, Melita u Queen Victoria) biż-żmien kollha kienu ġew xolti. Kien jixraq li lokalitá dejjem tikber ikollha l-Banda tal-lokal. Dan għaliex li jkollok Banda tal-post kien jgħin mhux ftit biex il-Festa tkompli tikber. Għaldaqstant huwa kien ferm kuntent meta fl-1914 grupp ta' żgħażagħ u rġiel avviċinawh u qalulu bil-ħsieb tagħhom u fejn talbuħ l-għajnuna tiegħu biex titwaqqaf Banda ġdida. Dun Vinċenż aċċetta bil-kundizzjoni li l-isem tas-Soċjetà jkun l-istess bħal dak tat-titular





tal-Parroċċa. Hekk twieled iċ-Circolo Musicale Stella Maris b'Mro. Ferdinando Camilleri jkun l-ewwel Surmast Direttur.

L-1914 kienet ukoll is-sena li sfortunatament tat bidu għall-ewwel Gwerra Dinjija. Għalkemm Malta ma sofrietx daqstant f'dan il-konflitt Mondjali, hija tat is-sehem tagħha billi laqgħet fi ħdanha numru mdaqqas ta' ferruti. In-Numru kien kbir li ċerti binjiet inbidlu fi sptarijiet. L-Iskola primarja tal-Gvern, li l-bini tagħha kien tlesta fl-1910 serviet koll għal dan il-għan. Il-Kappillan Manche', minkejja li saħħtu bdiet tnin, kien iħossu fid-dmir li regolarment iżur lil dawk rikoverati hemmhekk. Minkejja li saħħtu baqgħet sejra lura huwa għamel kull ma setgħa sabiex jibqa' jaqdi d-doveri pastorali tiegħu mill-aħjar li jista'. Ruħu ttajret lejn Alla Missier tal-Ħolqien kollu nhar is-Sibt 2 ta' Marzu 1918 fis-6.20a.m. Hu kellu kwazi 66 sena li erbgħa u tletin minnhom qattgħahom kappillan ta' Tas-Sliema.

Dan is-saċerdot żelanti ħadem kemm felaħ b'risq l-ewlenin Slimiżi u sabiex isebbaħ il-Knisja Parrokkjali Matriċi ta' Stella Maris. Il-magħruf Sir Temi Zammit (1864-1935) f'artiklu bl-Ingliż kiteb hekk fuqu, "*In 1884, the first parish priest, the Revd. D. Vincent Manche' was solemnly installed. He was a saintly man who worked hard for his new curacy and was justly beloved buy his parishoners who mourned his demise in 1918. He was laid to rest in the church he managed to decorate during his tenure of office*". Il-funeral li sarlu l-għada fil-5,00p.m. kien xhieda ħajja ta' kemm dan il-kappillan kien verament maħbub mis-Slimiżi. Aktar minn hekk kien inħatar kumitat apposta sabiex f'għeluq ix-xahar minn mewtu jsirlu funeral solenni. Il-Knisja kienet intramat b'damask iswed u f'nofs il-korsija kien intrama' t-tubru u fil-ġnub tiegħu kien hemm skrizzjonijiet li jfakkru lil Dun Vinċenż. Dawn inkitbu minn Mons. Luigi Farrugia li mexxa huwa stess il-funzjoni funebri. Kien Mro. Ferdinando Camilleri li dderiġa l-orkestra f'din l-okkażjoni, bl-orazzjoni funebri fi tmiem tagħha saret minn Mons. Ant. Agius. Kif kien xieraq Dun Vinċenz indifen fil-Knisja Parrokkjali tagħna taħt il-presbiterju.



*Il-funeral tal-kappillan Manche*

Dun Vinċenż Manche', li kellu l-itwal parrokat fl-istorja tal-Parroċċa tagħna, ilu mitt sena li halliena, Iżda nħoss li għadu ħaj fostna mhux biss permezz ta' l-opri ta' arti sagra li saru fi żmienu iżda l-aktar permezz ta' l-Ordni Salezjan li nġieb f'Malta fi żmienu u li wara nfirex fi nħawi oħra tal-Gżejjer tagħna u għaliex le permezz tas-Soċjetá Filarmonika Stella Maris li erba' snin ilu fakkret għeluq il-MITT SENA mit-twaqqif u li dejjem tagħtu l-ġieħ mistħoq bħala wieħed mill-fundaturi ewlenin tagħha.

**REFERENZI**

Minn Publiju sa Pawlu – Alexander Bonnici O.F.M. Konv
John Bisazza f'Leħen il-Parroċċa ta' Stella Maris N. 4,6,28
Banda Stella Maris – Herbert Naudi
Tas-Sliema, il-Knisja u l-Parroċċa ta' Stella Maris – Maurice Busietta
Programm Festa Stella Maris 1996 – Constantine Busuttil
Il-Ġens, 20-8-1993 artiklu ta' l-awtur ta' din il-kitba.